Żgħażagħ
Parroċċa San Ġorġ

234

Teatru Astra



Ir-Ribell

musical

il-proċess ta' Kristu
minn lenti differenti

Teatru Astra

Is-Sibt, 9 ta' Marzu 2002

smeg
technology with style



Forestals
[APPLIANCES] LTD.
The Strand, Sliema. Tel: 344700-7
... always better!

234

Żgħażagħ
Parroċċa San Ġorġ

Teatru Astra

jippreżentaw

Ir-Ribell

Musical oriġinali ta'
Elia Giacomolli, Antonio Giovannini u Roberto Zucchelli

Traduzzjoni
Mons. Salv Borg

Direzzjoni Artistika
Marion Zammit

Direzzjoni Mużikali
Mariella Spiteri

Teatru Astra
9 ta' Marzu, 2002
8.00 p.m.

Messaġġ mill-Arċipriet

Minn dak li tgħallimt bħala saċerdot, mhux biss f'Għawdex u Malta, imma anki f'parroċċi barranin fejn ġie li qattajt xi żmien f'esperjenzi pastorali, jiena naf li l-preżenza taż-żgħażagħ hi l-aktar preżenza sabiħa u vitali li jista' jkollha komunita` Nisranija. Dan il-*musical* jagħti messaġġ sabiħ dwar iż-żgħażagħ fil-Parroċċa ta' San Ġorġ.

F'dal-messaġġ naqra tliet messaġġi oħra:

B'dan il-*musical*, dwar Ġesu` fil-ġrajja l-aktar drammatika ta' ħajtu, iż-żgħażagħ qed jagħtu kontribut notevoli lill-ħajja kulturali tar-Rabat u ta' għiritna. Aktar minn hekk qed jgħidulna li l-Vanġelu jista' jitwassal f'forma ta' kultura kontemporanja, bħalma hi dik tal-mużika moderna, li forsi l-kbar jaħsbu li ma tistax tinkarna messaġġ reliġjuż bħalma hu dak tal-Vanġelu.

B'dan il-*musical*, il-'*Youth Group 234*' ta' San Ġorġ qed juri wkoll kemm hu attiv u fl-istess waqt kreattiv fl-inizjattiva li jieħu; hu grupp ta' żgħażagħ li qed iħaddmu t-talenti ta' l-intelliġenza, enerġija, ġenerożita`, *group spirit* u kapaċitajiet oħra li għandhom u qed jiġbdu lejhom ukoll il-kollaborazzjoni ta' l-adulti.

B'dan il-*musical* aktarx li toħroġ ukoll il-ħtieġa li l-*leaders* tat-234 għandhom jiġbdu aktar żgħażagħ u jifformawhom fi gruppi li jżommu l-*age group* tagħhom waqt li minn żmien għal ieħor jikkollaboraw f'inizjattivi komuni.

Għalhekk waqt li nifraħ flimkien mal-Parroċċa kollha għal din l-inizjattiva u għas-suċċess tagħha - u jien naf kemm swiet xogħol għal min kien u hu involut fiha - nawgura li ż-żgħażagħ Ġorġjani jibqgħu jagħtu sehemhom sabiex il-komunita` Nisranija tagħha tkun iktar ħajja u sabiħa.

Mons. Ġużeppi Farrugia
Arċipriet

MEYLAK JEWELLERY

George Meylak
(Proprietor)

24, Republic Street
Victoria, Gozo - Malta.

Tel: 2156 6303
e-mail: meylakg@vol.net.mt

IR-RIBELL - Min hu u x'inhu?

Fuq inizjattiva tal-grupp taż-żgħażagħ 234 fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġorġ flimkien mal-Kumitat tat-Tmexxija tat-Teatru Astra, qed nippreżentaw il-musical Ir-Ribell.

Huwa musical li jirrakkonta b'mod mill-iktar modern u differenti l-aħħar jiem tal-ħajja ta' Kristu fuq din l-art. Hu għalhekk li laqqamnieh il-proċess ta' Kristu minn lenti differenti. Il-mużika ta' Ir-Ribell hija fuq stil modern, l-istess bħal ma huma r-rwoli prinċipali ta' Pilatu, is-Sinedriju u r-Rumani. Il-persunaġġ ta' Kristu, min-naħa l-oħra huwa dak li nafuh ilkoll.

Ir-Ribell jippreżenta lil Kristu waqt li jkun qed jiġi akkużat mill-folla Rumana. Pilatu, li hawnhekk jieħu r-rwol ta' l-Imħallef, jiġi ppreżentat b'kemm-il akkuża kontriħ. Fl-istess ħin ikun hemm persunaġġi oħra li jservu ta' avukati, jixhdu quddiem Pilatu dwar dak li Kristu għamel magħhom.

Għandna wkoll lil erba' żgħażagħ li kontinwament jiflu u jiġġudikaw lis-soċjeta` Rumana illi jakkużaw b'ipokrezija u falsita'. Iżda fl-aħħar dawn l-istess żgħażagħ jindunaw li anke s-soċjeta`, anzi ċ-ċivilta` tagħna tal-lum hija waħda krudila u 'l bogħod mill-imħabba.

Kristu huwa għalhekk ir-ribell fil-veru sens tal-kelma. Għalkemm sieket f'ħafna mumenti waqt il-musical qiegħed, permezz tal-preżenza dinamika tiegħu, jisfida u jirribella kontra s-soċjeta` li mhix ġusta. Huwa mudell li s-soċjeta` ta' żmienu ma taċċettahx iżda li għall-erba' żgħażagħ kontemporanji jappella. Fil-fatt, l-azzjonijiet u l-kliem tagħhom juru li huma wkoll iridu jniggżu lis-soċjeta` tal-lum sabiex tirrifletti fuq l-istil ta' ħajja li qed tħaddan.

Ir-Ribell ittella' għall-ewwel darba f'Ruma fl-1998 bl-isem ta' *Fuorilegge* mill-grupp taż-żgħażagħ Juntos. Aħna ksibna d-drittijiet kollha sabiex il-verżjoni Taljana setgħet tiġi maqluba għall-Malti minn Mons. Salv Borg. Irrekordjajna l-*musical* mill-ġdid fl-Istudios ta' Leħen il-Belt Victoria, biex b'hekk illum qed inkunu nistgħu ntellgħu r-rappreżentazzjoni tagħna.

Fuq il-palk tat-Teatru Astra qed naraw atturi li huma ferm popolari ma' l-udjenzi tagħna iżda wkoll żgħażagħ u tfal li huma wċuh ġodda għat-teatru tagħna.

Beaver

The Fashion Place

2, St. George Square,
Victoria - Gozo.
Tel: 2155 1287

for exclusive wear

GFS

George Farrugia & Sons
(Ta' l-Orjenti)

Hawnhekk issib range ta'
fridges - cookers - frizers
televisions - air conditioners
washing machines - Hi Fi stereos
iron mongeries - frame making
imwejjed u siġġijiet tal-plastik
u oġġetti tal-baħar.

Office:
15, Republic Street,
Victoria, Gozo - Malta

Tel: 2155 6005
Fax: 2156 3018

S-MIFSUD & SONS LTD
SMS
TRAVEL & TOURISM

a trusted name for all your travel needs!

Traditionally known for its level of service, SMS has been in the travel service for over 50 years and today offers a wide range of excellent products both for the businessman as well as for the holidaymaker.


AIR TRAVEL: on ANY airline to ANY destination
HOTEL RESERVATIONS: worldwide bookings
CRUISES: the widest selection on ALL cruise lines
FERRY CROSSINGS: on all major Mediterrenean crossings
AS WELL AS ***car hire, travel insurance and group arrangements***

21 Republic Street, Victoria, Gozo. Tel: 2155 1126
311, Republic Street, Valletta. Tel: 2123 2211
27, Birkirkara Hill, St. Julian's. Tel: 2132 0620
Visit our website at www.smstravel.net

IATA

WATA

Nota fuq ix-Xenografija



Għaliex Ir-Ribell huwa *musical* modern ridna li nirriflettu l-element innovattiv f'kemm jista' jkun aspetti differenti tal-produzzjoni. Għalhekk għażilna li jkollna xenografija moderna illi bl-ebda mod ma tirrifletti l-aspett tradizzjonali ħafna drabi marbut mar-rakkont tal-passjoni taí Kristu.

L-ewwel aspett prinċipalment modern huwa li għażilna li ma jkollniex xenografija li turi d-dettalji ta' l-istrutturi fiżiċi, bħal ngħidu aħna, il-kolonni tal-Palazz ta' Pilatu, xi belt bħala sfond jew dettalji oħra imma ridna mmorru għas-sempliċita` li fl-istess ħin mhijiex uniformi jew simmetrika. Qed nimplimentaw blokki u pjattaformi ta' daqs u forom differenti, miżbugħa b'kulur ċar, għaliex dawn l-istrutturi qegħdin hemm biex sempliċement jissuġġerixxu ħalli INT fl-udjenza tagħżel li tinterpretahom kif jogħġob lilek.

It-tieni element huwa l-fatt li ridna li jkollna tlett livelli differenti, u dan bi skop. Il-livell tal-palk ser jakkomoda primarjament lill-karattri normalment assoċjati ma' dan ir-rakkont. Iż-żewġ livelli l-oħra, wieħed iktar 'l isfel u ieħor iktar 'il fuq mill-palk prinċipali jservu ta' pjattaforma minn fejn primarjament iż-żgħazagħ, iżda mhux biss, isegwu l-azzjoni li tkun għaddejja fuq il-palk biex imbagħad ikunu f'pożizzjoni li jistgħu jagħrblu u allura jikkritikaw liċ-ċivilta' antika.

Id-disinn tal-palk jinkorpora wkoll rampi u slielem li minħabba l-pożizzjoni tagħhom f'angoli differenti jiffurmaw l-ittra " V " - il-vittorja ta' Kristu fuq is-soċjeta` ta' żmienu imma mhux biss.

Ir-Ribell - musical modern li jġagħlek tirrifletti u taħseb, u għalhekk għażilna stil ta' xenografija li jħallik tfittex l-iskop wara liema ġie maħdum, li ma jagħtikx l-informazzjoni kollha meħtieġa imma li jistigak biex inti wkoll tkun attiv u tipparteċipa bl-iktar mod sħiħ!

Marion Zammit

SQUARE CELLAR

Wines & Spirits



24 St. George's Square,
Victoria, Gozo.
Tel: 2155 1845 / 2155 6141

Prop: Joe Grech



G & M ATTARD

WOODWORKS & FUNERAL SERVICES

24 Hrs Service

17, Sir Arturo Mercieca Street, Victoria, Gozo.
Tel: 2155 9285 - 7970 6444 - 7970 6445

Tresor D' Or

For a Selection of 18c+ Gold.
Diamonds and Watches

45, Palm Street,
Victoria.

Tel: 2156 1565

61, Palm Street,
Victoria.

Tel: 2156 1565

For a unique choice of Silverware, Frames,
Clocks, Chandelleirs, Bowls, ecc.

Tresor D'Argent

Grupp Żgħażagħ Parroċċa San Ġorġ



Il-grupp 234 twaqqaf fuq inizjattiva ta' Mons. Arcipriet Ġużeppi Farrugia u ta' grupp ta' żgħażagħ fl-1998. L-iskop li għalih twaqqaf dan il-kumitat kien dak li jorganizza attivitajiet għaż-żgħażagħ ta' xejra spiritwali u soċjali fuq bażi parrokkjali. L-isem 234 - '*two three four*' hu fil-qosor id-data tat-(23) ta' April (4) - (r-raba' xahar tas-sena); il-festa liturġika ta' San Ġorġ Martri.

Sa mit-twaqqif tiegħu, il-grupp 234 beda jorganizza quddiesa animata kull l-ewwel ġimgħa tax-xahar. Infatti din għadha ssir sal-lum fit-8.00pm ġewwa l-Bażilika. Minbarra dan kull xahar isiru ukoll laqgħat għaż-żgħażagħ fejn fi gruppi jiġu diskussi temi rikorrenti bl-għajnuna ta'qassisin. Ġew mistednin ukoll diversi persuni biex jaqsmu l-esperjenzi tagħhom maż-żgħażagħ, fosthom qassisin li jaħdmu fil-missjoni kif ukoll lajċi li jaħdmu fil-qasam tal-volontarjat u fost persuni b'diżabilita`.

Ġew organizzati ukoll diversi *weekends* f'Malta fejn dak in-numru sabiħ ta' żgħażagħ mill-parroċċa tagħna li attendew ipparteċipaw f'attivitajiet ta' natura spiritwali, soċjali kif ukoll ta' rikreazzjoni. Membri tal-grupp ipparteċipaw u rrapreżentaw l-Parroċċa ukoll f'*Seminars* f'attivitajiet u rtiri organizzati fuq livell djoċesan.



Matul dawn l-aħħar snin il-kumitat flimkien ma' l-Arċipriet u l-Kunsill Parrokkjali organizza l-eżerċizzi tar-Randan għaż-żgħażagħ.

Membri tal-grupp tellgħu ukoll diversi programmi għaż-żgħażagħ fuq ir-radju tal-parroċċa Leħen il-Belt Victoria.



Ma jonqosx ukoll li 234 jorganizza wkoll attivitajiet fil-ġimgħa tal-festa ta' San Ġorġ. Infatti waħda mill-akbar attivitajiet li jorganizza l-grupp hi l-festa ta' Xhieda Nisranija quddiem l-istatwa tal-Patrun tal-Belt, lejliet l-ewwel ġurnata tat-Tridu tal-Festa fil-għaxija wara l-ħruġ min-niċċa. Infatti għal din l-attivita`, li din is-sena kienet ir-raba' waħda konsekuttiva, l-Bażilika tkun mimlija b'mijiet ta' żgħażagħ Ġorġjani, Ikoll bil-flokk aħmar bix-xbieha tal-Qaddis Żgħażugħ. Infatti ta' kull sena saċerdot imexxi din il-laqgħa ta' talb qabel il-festa. Isir qari mill-Vanġelu, kant, talb kif ukoll Bendizzjoni Ewkaristika.

Il-produzzjoni ta' 'Ir-Ribell' hi l-ewwel attivita` tax-xorta fi skala kbira li l-grupp 234 qed jidħol għaliha. Minbarra l-iskop ta' produzzjoni ta' livell għoli, l-grupp qed jimmira ukoll li jinvolvi fil-ħidma kbira li jirrikjedi dan il-*musical* grupp kbir ta' żgħażagħ kemm dawk li jaħdmu jew jiffrekwentaw il-parroċċa u t-Teatru Astra kif ukoll dawk li sal-lum ma tantx jipparteċipaw fl-attivitajiet li jsiru.



B' hekk 'Ir-Ribell' għandu jkun spunt li juri l-element żagħżugħ li jeżisti fi ħdan il-Parroċċa u s-Soċjeta` La Stella kif ukoll okkażjoni ġdida fejn wieħed jesperimenta metodi ġodda ta' apostolat u ħidma soċjali u kulturali fost iż-żgħażagħ.

Michael Formosa

Ir-Ribell

234 - kumitat organizzativ
amy attard, antonella zammit, david camilleri, george apap, marion zammit, max zammit, michael formosa

produzzjoni - 234 żgħażagħ parroċċa san ġorġ, teatru astra
direzzjoni artistika - marion zammit
direzzjoni mużikali - mariella spiteri
koreografija - georgianne cachia
traduzzjoni - mons. salv borg
konsulent tal-produzzjoni - fr effie masini
assistenti tal-produzzjoni - amy attard, antonella zammit
recordings - leħen il-belt victoria
recording engineer - anton farrugia
cd mastering - john cauchi - pro sound
reklami u *sponsorships* - amy attard, michael formosa, max zammit
pubblikazzjonijiet - michael formosa
stage manager - carmel zammit
kostumi - george farrugia, manuel grima, doris farrugia
disinn tal-*poster* u *logo* - manuel buhagiar
bini tas-sett - manuel buhagiar, manuel john farrugia, george mercieca
dwal - george zammit, ivan galea
sound - antoine debrincat, sean said - pro stage
booking office - frankie cremona
make up - angela mifsud, mariella camilleri, rosalie bezzina.

grati ħafna lejn
arċipriet mons. ġuzeppi farrugia
fr effie masini
anton farrugia
mariella spiteri
teatru astra
il-grupp *juntos*
citadel video communications
victoria scouts group
kunsill tal-kultura
kav. joe m. attard
anthony zammit
madelaine attard
l-isponsors
il-kantanti u l-atturi kollha
ġenituri tat-tfal parteċipanti
żgħażagħ

U finalment... lilkom ilkoll li bil-preżenza tagħkom qed tagħtuna l-fiduċja u s-sapport meħtieġ. Grazzi!

jieħdu sehem fuq il-palk

ġesu` - adrian vassallo
pilatu - george franz vella
storiku - george refalo
sinedriju - tonio galea/george mercieca
sinedriju - anthony zammit
sinedriju - george camilleri
sinedriju - john mercieca
adultera - mariella spiteri
ruman - charlie zammit
ruman venetu - george sacco

żagħżugħ 1 - george apap
żagħżugħa 2 - kathleen grima
żagħżugħ 3 - david camilleri
żagħżugħ 4 - christian zammit

l-għamja - maria farrugia
il-magħtub - george louis zammit

folla rumana
anthony livori, charlene grima,
christian attard, claudia haber,
cynthia pace, fabio schembri,
francesco pio attard, frank cachia,
gabriel spiteri, gina attard,
josalda grech, joselyn haber,
joseph buhagiar, josephine cachia,
katya galea, lara vella, lauren grech,
louise grech, maria theuma,
marla caruana, mary grace xuereb,
melanie zammit, melina sciberras,
nicole vella, noel micallef,
simon cachia, stefania rapa,
tessie farrugia

tfajla - anita jane cachia
ġuvni - george sacco/simon cachia

żgħażagħ
christian sacco, cynthia said
deborah borg, deborah mercieca,
elaine galea, elena agius
erol briffa, georgette theuma
jethro camilleri, joette vella,
joseph xerri, joseph scerri,
leslie anne attard, lucianne scicluna,
kenneth cini, manuel farrugia,
mariella micallef, marilyn zammit,
melina vella, noel cassar
sergio sillato

żeffiena
alexia attard
denise cremona
elaine attard
lorna sciberras
georgianne cachia
miriam farrugia
sabrina sillato
therese attard

tfal
abigail anne sultana, albert cachia
andrew camilleri, andrew farrugia
anne camilleri, antida formosa
christine theuma, christopher portelli
david farrugia, deborah m. borg
francis borg, gabriella farrugia
george attard, george borg
george camilleri, georgianne xerri
james borg, joselyn theuma
julia camilleri, julia vella
keith genuis, marcia scicluna
maria portelli, maria chiara camilleri
marika borg, mark farrugia
marouska borg, martina scicluna
michel bezzina, nathaline sultana
nicolette livori, raisa mercieca
renzo schembri, roberta mizzi
roxanne grech, tara marie farrugia
whitney marie grech, ylenia caruana

tifel - kurt cassar
tifla - katya bezzina

vuċijiet waqt ir-recordings

ġesu` - teddy zammit
pilatu - george franz vella
storiku - george refalo
sinedriju - tonio galea
sinedriju - ryan meilak
sinedriju - john mercieca
sinedriju - anthony zammit
adultera - mariella spiteri
ruman - charlie zammit
ruman venetu - charlie zammit
żagħżugħ 1 - george apap
żagħżugħa 2 - kathleen grima
żagħżugħ 3 - david camilleri
żagħżugħ 4 - christian zammit
l-għamja - dorienne portelli
il-magħtub - john cassar
tfajla - sharon refalo
ġuvni - ryan meilak
raġel - franceso pio attard
tifel - kurt cassar
tifla - katya bezzina

membri tal-kor

irġiel
anthony zammit, christian zammit, francesco pio attard, george apap, tonio galea

nisa
deborah portelli, dorienne portelli, kathleen grima, mariella spiteri, sharon refalo

tfal
andrew farrugia, david farrugia, george camilleri,
katya bezzina, maria chiara camilleri, ylenia caruana.



MARION ZAMMIT iggradwat *Bachelor of Communications* mill-Universita` ta' Malta fejn segwiet ukoll kors ta' tlett snin fi Studji Teatrali. L-esperjenza teatrali ma' nbdietx ta' eta` bikrija, iżda matul dawn l-aħħar ħames snin, hija ħadet sehem bħala attriċi f'diversi rwoli prinċipali fosthom Maria Maddalena (*Jesus Christ Superstar* - Helping Hands Group), Cosette (*Les Miserables* - HHG), Narratur (*Joseph and the Amazing Technicolor Dreamcoat* - HHG), Nora (Id-Dar ta' Pupa - Teatru Astra), ħames rwoli differenti (relationships - 365) u Ġuljetta (Romeo u Ġuljetta - Teatru Astra). Sentejn ilu, dderiġiet l-attivita' Seħer ta' Kalipso fis-Sala Giuseppe Giardini Vella (Teatru Astra). Hija membru attiv f'diversi gruppi ta' natura kulturali bħall-Għaqda Żgħażagħ La Stella (Teatru Astra), Kumitat tal-Palk tat-Teatru Astra, 234 (Parroċċa San Ġorġ Martri) u *Mediterranea* (Teatru Astra).




MARIELLA SPITERI tinsab fl-aħħar sena ta' studju fl-Universita' ta' Malta fil-kors B. Ed. (Hons.), fejn qed tispeċjalizza fil-mużika. Ta' sitt snin, bdiet titgħallem il-pjanu u ta' tmintax-il sena rnexxielha takkwista l-ALCM diploma. Is-sena li għaddiet ġabet l-LLCM fil-pjanu u l-A.Mus.LCM fit-teorija tal-mużika. Sa minn meta kellha seba' snin, Mariella kienet tkanta bħala solista. Minbarra li tkanta mużika pop, hi membru tal-Kor *Laudate Pueri* tal-Bażilika ta' San Ġorġ Martri kif ukoll membru ta' l-*Astra Folk Group*. Din m'hix l-ewwel darba li Mariella kellha d-direzzjoni mużikali ta' produzzjoni fit-Teatru Astra. Ftit tas-snin ilu, kienet *leader* tal-kor fl-operetta *Geisha*, fejn interpretat il-parti prinċipali. Ix-xogħol f' Ir-Ribell beda fis-sajf meta Mariella adattat it-traduzzjoni tal-Malti għall-mużika oriġinali Taljana, għallmet il-kanzunetti lill-kantanti, iżda fuq kollox irrekordjat u editjat il-*musical* liema xogħol ħa xhur biex tlesta.



GEORGIANNE CACHIA hija studenta fl-Universita` ta' Malta u fil-preżent, qed ssegwi l-kors ta' *Bachelor of Commerce*, fejn qed tispeċjalizza fil-*Management* u *Public Policy*. Georgianne bdiet il-karriera tagħha fiż-żfin meta kellha disa' snin. Ħadet sehem f'*mini musicals*, fiż-żfin tal-Karnival, Milied *fests* u produzzjonijiet oħrajn. Hi segwiet kors ta' sena fiż-żfin u l-*acting* fl-iskola tad-Drama fin-Nadur. Bdiet tgħallem lill-kumpanija taż-żfin tal-kbar tat-Teatru Astra fil-Karnival, b'suċċess konsekuttiv, sa minn meta kellha sbatax-il sena. Għallmet żfin ukoll fi produzzjonijiet fuq il-palk lokali u barra. Georgianne hija l-koreografista ta' grupp ta' żfin *Legends* f'Għawdex, li ta *shows* f'lukandi, *festivals* u anke barra minn Malta.

xeni waqt il-provi













BLUE SPIRIT
JEWELLERY

Independence Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 2155 0926

Palazzo Margherita



DUN LUQA STREET SANNAT
Tel: 2155 5737 jew 2155 7898

Għall-okkażjonijiet speċjali tiegħek f'ambjent sabiħ, ikel ġenwin u servizz mill-aqwa, sew jekk tiġijiet, ikliet u parties



Palazzo Margherita joffru wkoll *Il Brindisi*
idejali għal kull okkażjoni ta' madwar 80/90 persuna bħal Magħmuđija, l-Ewwel Tqarbina, Griżma u engagements.

Palazzo Margherita Catering jaċċettaw ukoll "OUTSIDE CATERING" *għal kull okkażjoni f'lokalitajiet oħra kif ukoll f'darek.*

digitronics
HIFI & ELECTRONIC EQUIPMENT

MOBILE PHONES SALES & REPAIRS
HIFI & T.V. SYSTEMS
CAR STEREOS & ACCESSORIES

Guze` Labre' Str
Victoria, Gozo.
Tel: 2155 0722
Mobile: 9942 0443
Email: digitronics@vol.net

Mid-Djarju tat-two three four

Kien April tas-sena 2001 meta l-kumitat *two three four* ħareġ bl-idea li għall-ewwel darba jtella' produzzjoni teatrali. Diversi membri tal-kumitat għandhom interess partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-palk u mal-mużika, u għalhekk ħsibna li ngħaqqdu dawn it-tnejn flimkien u ntellgħu *musical*. Għamilna kuntatti mal-grupp żgħażagħ *Juntos* ġewwa Ruma u ksibna d-drittijiet biex inkunu nistgħu ntellgħu produzzjoni tal-*musical* oriġinali *Fuorilegge*.



Diskussjoni waqt laqgħa tat-234

Sajf 2001 Minnufih Mons. Salv Borg beda jaħdem fuq it-traduzzjoni bil-Malti ta' *Fuorilegge*, li issa beda jissejjaħ *Ir-Ribell*.

21 ta' Awissu, 2001 Il-Kumitat iltaqa' flimkien ma' Dun Effie Masini biex jiddiskuti l-pjanijiet tal-*musical*, f'dak li għandu x'jaqsam ma' *recording*, min ser ikollu l-partijiet ewlenin kif ukoll dwar attivitajiet ta' *fund raising* u reklamar tal-*musical*.




Waqt ir-recordings fl-istudios ta' Leħen il-Belt Victoria.

23 ta' Settembru, 2001 Il-Kumitat reġa' ltaqa' biex jiddiskuti diversi proposti dwar il-*musical*.

28 ta' Settembru , 2001 Il-membri tal-kumitat iltaqgħu sabiex jiddiskutu l-pjanijiet ta' min ser imexxi r-*recordings* u dwar il-partijiet ewlenin. Iddeċidejna li r-*recordings* ser isiru ġewwa l-*istudios* ta' Leħen il-Belt Victoria, taħt it-tmexxija mużikali ta' Mariella Spiteri flimkien ma' Anton Farrugia li kellu jieħu ħsieb il-parti teknika.


5 ta' Ottubru, 2001 Il-Kumitat organizza l-quddiesa għaż-żgħażagħ ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fejn tajna bidu għas-sena ġdida ta' ħidma 2001/2. Mexxa l-quddiesa Dun Ġorġ Grima.

6 ta' Ottubru, 2001 Saret laqgħa oħra fejn bħala Kumitat, iddeċidejna li jibdew isiru l-kuntatti mal-kantanti. Ippjanajna li r-*recordings* ser jibdew f'Novembru.



7 ta' Ottubru, 2001

Il-Kumitat reġa' ltaqa', din id-darba biex jipproponi attivitajiet ta' *fund raising* u minn fejn jistgħu jinġabru l-isponsors.



Xeni waqt il-provi

10 ta' Ottubru, 2001

Xi membri tal-Kumitat iltaqgħu biex ikomplu jiddiskutu l-finanzjament ta' l-attivitajiet li kienu ser jiġu ppjanati.

12 ta' Ottubru, 2001

Saret laqgħa ta' formazzjoni għaż-żgħażagħ tal-parroċċa fid-Dar Parrokkjali fi Pjazza San Ġorġ.

2 ta' Novembru, 2001

Saret il-quddiesa taż-żgħażagħ ta' l-ewwel Ġimgħa tax-xahar fil-Bażilika fit-8.00 p.m. Qaddes Dun Ġorġ Debrincat.

9 ta' Novembru, 2001


Billi dan ix-xahar huwa ddedikat lill-erwieħ, il-laqgħa taż-żgħażagħ saret ġewwa l-kappella taċ-ċimiterju tal-Għarb. Flimkien ma' Dun Louis Bezzina, ddiskutejna diversi suġġetti li għandhom x'jaqsmu ma' l-eżistenza t'Alla , mal-mewt u l-ħajja ta' wara l-mewt.

17 ta' Novembru, 2001

Il-Kumitat iltaqa' sabiex jiddiskuti l-iżviluppi li saru f'dak li għandu x'jaqsam mar-*recording* tal-*musical*. Mariella Spiteri rrekordjat il-partijiet ewlenin u għamlet kopji ndividwali għall-kantanti kollha fuq *cassettes*.

18 ta' Novembru, 2001

Saret laqgħa oħra ma' Dun Effie Masini fejn iddiskutejna l-iżviluppi tal-*musical* u ftehmna li Marion Zammit u Mariella Spiteri ser jiftehmu fuq ħinijiet biex jibbukkjaw l-*istudios* ta' Leħen il-Belt Victoria sabiex jibdew ir-*recordings*.



Editing tal-Musical fuq il-computer

27 ta' Novembru, 2001
Bdew ir-*recordings* tal-partijiet ewlenin tal-*musical*.

2 ta' Diċembru, 2001
Saret laqgħa tal-kumitat fejn iddiskutejna l-andament tar-*recordings* kif ukoll attivitajiet ta' *fund raising.*

15 ta' Diċembru, 2001
Il-Kumitat reġa' ltaqa' u ddiskutejna flimkien il-pjanijiet tad-disinni tal-palk. Iddeċidejna li ser nagħmlu lotterija bħala attivita` ta' *fund raising*. Ftehmna wkoll li xi membri tal-Kumitat ser

imorru fuq programm ta' *LBV* sabiex jitkellmu fuq it-*two three four* u l-*musical* ***Ir-Ribell***.

20 ta' Diċembru, 2001

Xi membri tal-Kumitat kellhom laqgħa fit-Teatru Astra mal-persuni li ser jieħdu ħsieb il-bini u d-disinn tas-sett, li huma Carmel Zammit u Manuel Buhagiar rispettivament, kif ukoll ma' George Zammit li ser ikun inkarigat mid-dwal ta' fuq il-palk.



Recordings ta' waħda mill-kanzunetti tal-Musical fl-istudjos ta' Leħen il-Belt Victoria

12 ta' Jannar, 2002

Il-Kumitat kellu laqgħa fejn iddiskuta diversi suġġetti, fosthom id-disinn tal-*poster* u tas-*souvenir booklet* tal-*musical*, l-isponsors, il-lotterija u l-iżviluppi tar-*recordings*.



Xeni waqt il-provi fuq il-palk tat-teatru Astra

2 ta' Frar, 2002 Xi membri tal-kumitat iltaqgħu fejn iddiskutejna diversi proposti dwar il-publiċita` tal-*musical* ***Ir-Ribell*** kif ukoll dwar il-kuntatti u nformazzjoni li għandha tingħata lill-*media*.

Jannar/Marzu, 2002

Bdew il-provi tal-*musical*... u bil-ħidma u l-koperazzjoni ta' kull min jaħdem, din il-produzzjoni ssir realta`... wasalna għall-produzzjoni li ser taraw illejla.

Nispera li tieħdu gost bil-*musical* ***Ir-Ribell***, u nittama li narawkom aktar 'il quddiem għal proġetti oħra kbar li l-kumitat *two three four* qiegħed iħejji għalikom!

Amy Attard

TEATRU ASTRA

IŻ-ŻEFFIENA

Dramm Mużikali mżewwaq bi żfin, xenarju u kostumi
bis-sehem ta' artisti lokali u
l-Grupp Folkloristiku Astra

Mistiedna Speċjali
Tanya Bayona Princess Poutiatine Academy of Ballet

Is-Sibt 11 ta' Mejju, 2002 fis-7.30 p.m.

Kitba
Kan. Joe Meylak

Direzzjoni Artistika
Manuel Grima

Bliss
FOOTWEAR
Antonia Attard
N.B. Ninu Cremona Street, Victoria, Gozo - Malta.
Tel: 2156 5313, 21 56 4462 - Fax: 2156 4462

Il-Panzier Pizzeria
St. Francis Square, Victoria - Gozo.
Tel: 2156 0506

Ribell Ġeneruż

"*B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu*", kienet l-ordni ta' l-Imgħallem. U ma' l-amar, il-wiegħda: "Kull min jagħti mqar tazza ilma lil wieħed minn dawn jirċievi bil-wisq aktar!" Dawn il-kelmiet huma l-ispirazzjoni tal-volontarjat - fenomenu li kiber ħafna fi żmienna, speċjalment fost iż-żgħażagħ. Il-ferħ u s-sodisfazzjon li jinkisbu meta xi ħadd jiddedika ħinu u ħidmietu għal għajru jistgħu jixhdu għalihom dawk kollha li xi darba jew oħra esperjenzaw il-volontarjat.



Tqassim ta' materjal edukattiv mill-voluntiera Għawdxin fil-Missjoni ta' l-Albanija. Jidhru fir-ritratt: Dun Manwel Cutajar u Maria Farrugia membri tal-Parroċċa ta' San Ġorġ

Il-ferħ u s-sodisfazzjon żgur li qed jidhru fuq wiċċ iż-żgħażagħ tal-grupp 234 li ħadmu u stinkaw biex jirnexxi l-*musical* Ir-Ribell. Anzi l-ferħ tagħhom huwa akbar meta jafu li b'ħidmiethom se jgħinu wkoll żgħażagħ bħalhom, li għax twieldu f'pajjiż imsejjaħ Albanija, la l-ħajja tagħhom ta' issa m'hi sabiħa, u iktar w iktar il-ġejjieni tagħhom, huwa mċajpar għall-aħħar!

Grazzi għall-ġenerożita' taż-żgħażagħ 234 u d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li ta l-permessi meħtieġa biex Ir-Ribell jittella' għall-istudenti ta' l-iskejjel Għawdxin, u dan b'risq proġett edukattiv li qed isir fil-missjoni ta' Mamurras fl-Albanija li bħalissa tinsab taħt il-kura pastorali tas-saċerdot Għawdxi Dun Manwel Cutajar (li nċidentalment huwa bin ex-bandist tal-Banda La Stella). Bħalissa wkoll fl-istess missjoni hemm taħdem Anna Farrugia mill-parroċċa ta' San Ġorġ.

L-Albanija hija pajjiż ta' faqar kbir, fejn għad baqa' ħafna nies, speċjalment kattoliċi, li m'għandhom xejn (kultant lanqas art u saqaf deċenti!). Il-faqar mhux biss materjali, imma anki spiritwali u kulturali. Hekk, per eżempju, huma ftit dawk li jistgħu jkomplu l-iskola. Xogħol ma jeżistix! U għalhekk x' futur jista' jkollhom it-tfal u ż-żgħażagħ, speċjalment il-bniet u t-tfajliet?

Fond Albanija, abbinat mal-missjoni ta' Mumarras, l-iktar żona dipressa tal-pajjiż, iħoss li l-aqwa mod kif wieħed jista' jwieġeb għas-sitwazzjoni fl-Albanija hija l-edukazzjoni. Għalhekk bħalissa qed jagħmel kampanja ta' ġbir ta' fondi biex ikunu jistgħu jsiru korsijiet ta' tagħlim speċjalizzat, kif ukoll biex tingħata għajnuna oħra, speċjalment lit-tfajliet albaniżi, ħalli jkunu jistgħu jkomplu l-istudju tagħhom anki fuq livell terzjarju. Hemm il-ħsieb ukoll li fil-futur jitwaqqaf radju lokali bil-għan li jkun jista' jinbeda proċess ta' edukazzjoni bażika lil kulħadd. Ta' min jgħid li l-proġett tat-twaqqif tar-radju lokali se jkun parti mill-kumpless tal-Knisja tal-Madonna Ta' Pinu li hemm il-ħsieb li tinbena fiż-żona.

Mill-ġdid grazzi liż-żgħażagħ 234 u l-kollaboraturi tagħhom. U nawgura li 'l quddiem ikun hemm aktar żgħażagħ u oħrajn li jduqu mill-benna tal-volontarjat, forsi anki b'esperjenzi barra minn pajjiżna.

Dun Effie Masini

BOOKWORM
105, Republic Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 2155 6215
for all your stationery needs


design & printing by gozo press · tel. 2155 1534, 9982 6350

Grazzi lil...

LBV 104

Leħen il-Belt Victoria
104 FM stereo

Ir-Radju tal-Komunità tal-Parroċċa ta' San Ġorġ ikompli jagħti s-servizz tiegħu bil-kontribut tiegħek.
Għal iktar informazzjoni ċempel 2156 5207



"Ir-Ribell"
fuq CD

Prezz speċjali
ta' Lm 4.50
waqt il-*performance*

SINKS

Designed for a Lifetime of Lifestyles



CARRON PHOENIX

Available from:

A. F. Ellis (Home Decor) Ltd.

16 Għajn Qatet Street, Victoria VCT 106, Gozo, Malta.
Tel: (356) 556021, 555801 Fax: (356) 551561

Malta Office: 39 Psaila Street, Birkirkara BKR 02, Malta
Tel: (356) 442314 Fax: (356) 442314